KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju, 2003 fit-3.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) L-iffirmar u Żjara tal-Kunsill f'Cassino.
(4) Patt ta' Ġemellaġġ f'Settembru - Draft Programme.
(5) Xogħol fl-Uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru.
(6) Proposta mill-Bank HSBC plc.
(7) Kordinatur Anzjani u Persuni B'Diżabilita'.
(8) Xogħlijiet u Dawret Ix-Xatt.
(9) Euromed Project.
(10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 23 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

23(1).1 Il-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, ippropona li l-Minuti tal-laqgħa numru 22 jiġu approvati mill-Kunsill kif ippreżentati

Il-Minuti ġew approvati nem. con.

## 23 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat li saru u tax-xogħol li twettaq mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*23.(2).1 Summer Club / Literacy Programme ( 30 / 06 / 2003 )*

Ġiet organiżżata laqgħa ma' l-Organiżazzjonijiet nmhux Governattivi fil-Kunsill mis-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni biex ikompli jitħejja l-programm ta' dan il-proġett li l-Kunsill bi ħsiebu jwettaq f'Awissu, 2003.

*23.(2).2 Laqgħa Ħwienet u Kjosks - Xatt ( 01 / 07 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Supretendent Lawrence Cutajar sejjħu laqgħa għall-ħwienet u kjosks fix-Xatt dwar l-użu ta' l-imwejjed u n-nuqqas ta' spazju fuq il-promenade. Iżda l-attendenza kienet fqira ħafna, attendew biss Alice Springs Kiosk u Marshall Restaurant. Sar qbil li s-Supretendent jibgħat għal dawk li ma' ġewx.

*23.(2).3 Proġett J. B. Azopardo ( 07 / 07 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha kompla jsir biex il-ħlasijiet dovuti lill-Kunsill taħt dan il-proġett jitħallsu. Is-Sindku ċempel lis-Sur Charles Gauci Project House biex dawn il-ħlasijiet li dwarhom kienet saret laqgħa nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu, 2003 fi Project House.

Il-Kunsill bi ftehim mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera kien qabbad lil Silvar Construction & Services Ltd biex jagħmel dan ix-xogħol flok Kalaxlokk li suppost wettqu dan ix-xogħol kif imqabbda mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera Iżda li Kalaxlokk ma' onorawx.

F'din il-laqgħa tas-26 ta' Marzu, 2003 fi Project House konna ġejna mgħarrfa li d-Dipartiment tal-Proġetti kien qed jikkunsidra t-talbiet tal-Kunsill għax bħala Dipartiment permezz tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera kienu ħallsu lil Kalaxlokk. Is-somma in muta hija ta' madwar Lm 1, 228.

Minħabba li l-Kunttrattur ilu jitlob li jitħallas ta' xogħlu l-Kunsill qabel li jħallas lil Kun trattur Silvar Construction & Services Ltd is-somma ta' Lm 1, 228 għax-xogħol li sar (Invoice No. ) u fl-istess ħin il-Kunsill ikompli f'diskussjonijiet mad-Dipartiemnt tal-Proġetti biex jiġu rifonduti dawn il-ħlasijiet. Il-Kunsill approva li dan il-ħlas isir f'żewġ pagamenti mifruxa fuq xahrejn.

*23.(2).4 Xogħol fi Triq Is-Sirena ( 07 / 07 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha reġa għamel pressjoni fuq Charles Briffa u Joe Magreo u l-Perit Herman Bonnici biex ix-xogħol li kien inbeda fuq Iċ-ċint f'din it-triq ilu wieqaf ftit taż-żmien sewwa, biex jitkompla. Is-Sindku ġie assigurat li dan ix-xogħol ser jitkompla.

*23.(2).5 Week End Break ( 17 to 21 / 07 / 2003 )*

Il-Kunsill organiżża din l-attivita' bi ħlas fil-lukanda Riviera għaċ-ċittadini tal-lokal. L-attendenza kienet qawwija u kull min ġie kien sodisfatt b'din l-attivita' li kienet organiżżata mis-Sotto Kumitat Attivitajiet Soċjali u Anzjani.

*23.(2).6 Proġett iMed ( 23 / 07 / 2003 )*

Is-Sindku kellu laqgħa ma' Dr. Nadia Theuma dwar it-tħejjija għal-laqgħa li kellu nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju, 2003 dwar dan il-programm (04/1093/03/I).

Dan il-proġett huwa mtella minn Ruma u bħala partners hemm l-Alġerija, Iżrael, Marokk, Palestina, Franza, Spanja, Italja, Greċja u Malta.

Dan il-proġett qed juri nteress fil-Kottonera u jixtiequ jaqsmu l-esperjenza mill-bliet tal-Kottonera. Infatti l-Kunsilli tat-tlett ibliet intalbu jagħtu l-għajnuna billi tinġabar informazzjoni u tagħrif dwar il-lokalita' u dwar nies li qed jipprattikaw sena li tkun karatteristika tal-lokal.

Rappreżentant minn dan il-pajjiż ser jattendi seminar li ser jinżamm f'Ottubru f'Malta waqt l-Octoberfest li ser jinżamm fil-Birgu bejn it-2 u s-6 ta' Ottubru, 2003.

Il-Kunsilli Lokali tat-Tlett Ibliet huma mitluba biex sas-26 ta' Awissu, 2003 joffru lista ta' niex li ser ikunu nvoluti f'dan is-seminar.

*23.(2).7 Seminar - Traffic Management ( 25 / 07 / 2003 )*

Dan is-Seminar ġie organiżżat mill-Awtorita Dwar It-Trasport fil-Lukanda Crowne Plaza. Dan is-Seminar ġie ndirizzatr mill-Ministru Ċensu Galea, miċ-Chairman C. Demicoli u minn Mario Falzon CEO u mid-Direttur il-Perit Audrey Testa Ferrata Moroni.

Wara li ġew imfissra l-problemi li jeżistu u anke saru interventi minn dawk preżenti, ġie mqassam Draft Copy bħala gwida ta' kif għandu jsir traffic Management, Miżuri ta' Sigurta' u anke diversjoni tat-traffiku temporanja.

Il-Kunsilli ġew mitluba jibgħatu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom mhux aktar tard minn xahrejn oħra.

*23.(2).8 Koperattiva Ndafa Pubblika*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li huwa kien qed ikun dejjem f'kuntatt ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kwistjoni li l-Koperattiva Ndafa Pubblika qed toħloq fis-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku fil-lokal minħabba d-diffikultajiet finanzjarji li tinsab fihom din il-Koperattiva. Din hija problema li qed tinħass f'diversi lokallijiet li għandhom kuntratt mal-Koperattiva Ndafa Pubblika.

Is-Sindku stqarr li għalkemm il-lokal baqa' jingħata servizz bħas-soltu, il-kolletturi qed

jipproponu lill-Kunsill biex jitħallsu direttament minħabba li l-Koperattiva ma' ħallsitomx għal dawn l-aħħar tlett xhur minkejja li l-Kunsill kien qed iħallas lill-Koperattiva regolarment.

Is-Sindku qal li kellu jikkonsulta mal-Kunsillieri dwar il-kwistjoni li kien hemm bejn il-Kumitat tal-Koperattiva u s-Sur Victor Borg, sid l-iscammel, minħabba l-fatt li riedu li ċ-ċekk ta' Ġunju, 2003 jieħduh personalment.

Dan minħabba li l-Kumitat tat-Tmexxija tal-Koperattiva huwa xolt.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-għad l-Erbgħa kellu jiltaqa' l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar din il-kwestjoni li qed tolqot lil ħafna Kunsilli Lokali.

*23.(2).9* Il-Viċi Sindku Walter Ahar wera x-xewqa li jressaq mozzjoni ta' urġenza bil-miktub rigward lż-żamma tas-Soft Areas.

*23.(2).9.1* Is-Sindku Joseph Casha talab is-sospensjoni tar-Regolamenti ta' proċeduri u billi ma' kienx hemm oġġezzjoni l-Viċi Sindku ħalla jressaq din il-Mozzjoni.

*23.(2).9.2* Il-Viċi Sindku ppreżenta l-mozzjoni bil-miktub (kopja mehmuża) u talab biex tiġl ssekondata. Din ġiet issekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi.

*23.(2).9.3* Din il-mozzjoni kienet dwar in-nuqqas ta' servizz li qed isir mill-kuntrattur Marvic & Sons Ltd f'dak li huwa żamma tas-Soft Areas.

*23.(2).9.4* Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni u qabel fil-prinċipju li mis-sustanza tal-mozzjoni tal-Viċi Sindku Walter Ahar.

*23.(2).9.5* Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ittra lill-Kuntrattur Marvic & Sons Ltd fejn tinġibidlu l-attenzjoni tan-nuqqas ta' servizz u li jekk din l-attitudni tibqa tippersisti l-Kunsill kien lest li jitterminalu l-kuntratt. Ġie deċiż ukoll li jissejjaħ quddiem il-Kunsill.

*23.(2).10* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-25 ta' Ġunju u l-25 ta' Lulju, 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1082/03/I* *Taħriġ (Windows Applications) ECDL Part 1 & 2*

It-talba mill-iskrivana tal-Kunsill biex tattendi għall-kors imsemmi hawn fuq ġiet approvata.

*04/1083/03/I* *Senglea Athletics F. C.*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Senglea Athletic F.C. biex jorganiżżaw car wash nhar is-Sibt 5 ta' Lulju, 2003 bejn it-8.00am us - 2.00pm.

*04/1084/03/I* *Għaqda Regatta Nazzjonali (U/18 Challenge)*

Il-Kunsill approva t-talba ta' din l-Għaqda.

*04/1086/03/I* *Management Letter*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-Management Letter li rċieva l-Kunsill dwar il-financial statements għas-sena finanzjarja sal-31 ta' Marzu, 2003. Kummenti tal-Kunsill inklużi.

Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar Fixed Assets Register, jekk hux qed jiġi aġġornat.

Is-Segretarju qal li diġa sar ħafna xogħol mill-istudenti.

*04/1091/03/I* *Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita'*

Il-Kunsill ikkonferma mal-Kummissjoni kemm u fejn hemm ir-Reserved Parking Bays fil-lokal għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

*04/1098/03/I* *Senglea Athletics F.C. Youth Nursery*

Il-Kunsill approva t-talba biex din l-Għaqda torganiżża BBQ fi Ġnien il-Gardjola fil-25 ta' Lulju, 2003.

*04/1099/03/I* *Parking għar-Residenti biss*

It-Traffic Management Directorate ma' laqax it-talba tal-Kunsill biex il-Parking ta' fuq il-Maċina jkun riservat għaċ-ċittadini ta' l-Isla biss.

*04/1123/03/I* *Ilmenti mir-Residenti*

Dan l-ilment imressaq minn residenta anonima ġew innutati.

*04/1133/03/I* *Water Services Corporation - Fond 197, Triq San Ġużepp*

Il-Kunsill baqa' jinsisti u jinforma lill-Waater Services Corporation li mhux responsabbli għall-ħlas ta' kontijiet li jirreferu għal qabel id-devoluzzjoni lill-Kunsill tal-Fond 197, Triq San Ġużepp.

*04/1168/03/I* *Dun Ivan Scicluna*

Il-Kunsill Lokali ġie mistieden għal quddiesa nhar is-Sibt 19 ta' Lulju, 2003 bħala radd il-ħajr għat-teħid tas-saċerdozju tiegħu. Il-Kunsill qabel li jagħtih rigal ta' l-okkażjoni.

*04/1174/03/I* *Restawr tal-Faċċata ta' Dockyard Terrace*

Il-Kunsill ġie mgħarraf mis-Sur Anton Camilleri d-Direttur tad-Dipartimen tal-Bini u Tiswija tad-Djar li issa l-kampjun ġie aċċettat huwa talab lill-Kuntrattur biex jitkompla x-xogħol.

*04/1175/03/I* *Water Services Corporation - Kumpens*

Din il-korporazzjoni approvat it-talba tal-Kunsill biex tħallas is-somma ta' Lm 1, 203 għal reinstatement bil-Ħot Rolled asphalt ta' xogħlijiet li jkunu saru fit-toroq indikati hawn taħt :
Tri il-Kurċifiss, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq San Ġużepp k/m Triq il-Mina tax-Xatt, Triq Iż-Żewġ Mini, Triq San Lawrenz k/m Triq Iż-Żewġ Mini u Triq il-Maċina k/m Triq Iż-Żewġ Mini.

*04/1176/03/I* *Ministeru għat-Trasport u Kommunikazzjoni*

Il-Kunsill bagħat kif mitlub it-talbiet li ħass li kienu meħtieġa biex ir-residenti ta' din il-lokalita' jinqdew aħjar f'dak li huwa trasport.

*04/1189/03/I* *Dar Sant'Anna*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' din id-dar biex jieħu sehem fil-festa patruna nhar il-25 ta' Lulju, 2003 fl-10.30am. Il-Kunsillier Reno Chircop ser jattendi għal din l-attivita'.

*04/1196/03/I* *RTK (Programm Ilmenti u Kumplimenti)*

Il-Kunsill għarraf lil dan l-istazzjoni li l-ilment imressaq f'dan il-programm dwar it-tneħħija ta' bus shelter quddiem il-Knisja Parrokjali mhux minnhu għax f'din il-Bus Stop qatt ma' kien hemm Bus Shelter.

*04/1198/03/I* *Performing Rights Fee*

Il-Kunsill qabel li jerġa jġedded il-ħlas ta' Lm 5 kif propost mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

*04/1200/03/I* *Stemmi tal-Kunsilli*

Il-Kunsill approva l-użu ta' l-istemma ta' dan il-Kunsill kif il-kundizzjonijiet imsemmija fl-email ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

*04/1206/03/I* *Special Interest Travel Ltd*

Il-Kunsill approva t-talba ta' din il-Kumpanija biex torganiżża farewell dinner fil-post indikat nhar id-9 ta' Settembru, 2004 lil madwar 160 ruħ li ser ikunu fuq btala f'Malta.

*04/1207/03/I* *Grupp Dilettanti tan-Nar*

Il-Kunsill ma' kellhux oġġezzjoni biex din l-Għaqda jsir ħruq ta' nar minn fuq il-Mina tas-Sur ta' San Mikiel fil-jiem tal-festa, sakemm dawn ikollom il-permessi meħtieġa mil-Liġi.

*04/1209/03/I* *Rapport ta' Effiċjenza*

Dan ir-rapport ta' effiċjenza fil-lokal għax-xhur ta' Awissu / Novembru 2002, Diċembru / Marzu, 2003 ġew ppreżentati kif mibgħuta.

*04/1218/03/I* *Grupp Dilettanti tan-Nar*

Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni biex din l-Għaqda tkun tista' ħruq ta' murtali mill-Parking Area tal-Maċina bejn it-8.00 u l-12.00pm dejjem sakemm għandhom il-permessi kollha meħtieġa bil-Liġi.

*04/1221/03/I* *Reserved Parking - Lotto Receiver*

Il-Kunsill laqa' t-talba biex Reserved Parking għal-lotto Receiver li kien hemm fi Pjazza Francesco Zahra terġa ssir. Din kienet tneħħiet meta sar ir-resurfacing tal-pjazza.

*04/1228/03/I* *Xogħol - Dawret Ix-Xatt*

Il-Kunsill kkonferma lill-Awtorita Dwar it-Trasport ser jimxi fuq l-istruzzjonijiet li qalet l-Awtorita Dwar it-Trasport biex l-aħħar pagament ma' jsirx qabel din l-Awtorita tiċċertifika li x-xogħol sar sewwa.

*04/1229/03/I* *Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki (26 - 27 ta' Settembru, 2003)*

Il-Kunsill ikkonferma li għal din il-laqgħa is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu s-Sibt biss.

*04/1246/03/I* *ETC Literacy Programme (6 xhur)*

Il-Kunsill approva t-talba biex l-ETC juża l-premises tal-Kunsill għal-Literacy Programme fuq bażi li kienu s-sena l-oħra. Dan il-programm jista' jsir għal Ottubru, 2003 billi matul ix-xhur ta' Awissu u Settembru hemm ħafna attivitajiet ippjanati fil-Kunsill.

*04/1253/03/I* *Senglea Athletic F. C.*

Il-Kunsill għadhu qed jiddiskuti t-talba ta' dan il-Klabb biex jorganiżżaw il-grawnd tal-futbol ta' Kordin. Hemm bżonn li jsir evalwazzjoni ta' l-ispejjeż involuti.

*04/1254/03/I* *Car Wash - Senglea Athletic F. C.*

Il-Kunsill approva t-talba ta' dan il-Klabb biex jorganiżża car wash nhar is-Sibt 9 ta' Awissu, 2003 bejn it-8.00am u s-2.00pm.

Il-Kunsill approva reklam ta' paġna black & white li tiswa Lm 30 biex jidher fir-rivista li dawn joħorġu għal żmien il-festa tal-Parroċċa.

## 23 (3) Żjara f'Cassino (10 - 16 ta' Lulju, 2003)

Il-Kunsill ta' l-Isla għamel żjara fil-Belt ta' Cassino fejn kien mistieden tal-Comune di Cassino. L-għan ta' din Iż-żjara kienet biex tinbeda l-ħidma ta' ġemellaġġ bejn Isla u Cassino.

Id-delegazzjoni mill-Isla ġiet mistiedna biex iżżur postijiet ta' nteress f'Cassino kif ukoll ma' entitajiet importanti fil-Belt ta' Cassino. Din Iż-żjara ingħatat importanza kbira mill-istampa tal-Belt ta' Cassino.

Waqt din iż-żjara sar l-ewwel parti ta' l-iffirmar tal-ġemellaġġ. It-tieni parti ser issir fl-Isla bejn is-6 u t-12 ta' Settembru fejn delegazzjoni mill-Comune ta' Cassino tkun qegħda fuq żjara fil-Belt ta' l-Isla.

Permezz ta' dan il-ġemellaġġ qegħdin jitħejjew bi sħab proġetti utli speċjalment għaż-żgħażagħ taż-żewġt ibliet.

## 23 (4) Patt ta' Ġemellaġġ f'Settembru - Draft Programme

Is-Sindku Joseph Casha nforma li Kumitat maħtur mill-Kunsill ħejja draft programme għaż-żjara tad-delegazzjoni minn Cassino f'Settembru (Kopja mehmuża).

*23.(4).1* Nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju, 2003 fl-Uffiċċju tal-Kunsill saret laqgħa msejħa minn dan il-Kumitat fejn ġew mistiedna rappreżentanti ta' l-Għaqdiet tal-lokal, politiċi u tal-Knisja. L-għan ta' din il-laqgħa kien li dawn l-Għaqdiet jiġu mgħarrfa bit-tħejjija ta' programm għaż-żjara tad-delegazzjoni mill-Comune ta' Cassino u biex ma' jkunx hemm kunflitt ta' dati peress li din hija l-ġimgħa fejn tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Marija Bambina fl-Isla.

*23.(4).2* Minuti ta' din il-laqgħa huma mehmuża mal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

*23.(4).3* Il-Kunsill iddiskuta d-draft programme u l-proposti mressqa mill-Għaqdiet kif proposti fil-laqgħa tat-28 ta' Lulju, 2003 u espressi fil-Minuti mehmuża.

Fuq dan it-tagħrif il-Kunsill wettaq tibdiliet fid-draft programme.

*23.(4).4* Sar qbil unanimu li l-iffirmar tal-Patt ta' ġemellaġġ għandhu jsir nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru, 2003 meta l-ebda waħda mill-Għaqdiet ma' għandhom impenji.

*23.(4).5* Ta' min jinnota li l-Queen's Own Band Club kienet diġa avżat lill-Membri u l-Għaqdiet l-oħra li din is-sena ma' kienitx ser tħejji riċeviment għall-okkażjoni tal-Festa. Wara sar magħruf li s-Sur Joe Degiorgio beda juri x-xewqa li d-delegazzjoni minn Cassino żżur il-Każin tal-Banda Queen's Own fis-7 jew fit-8 ta' Settembru, 2003.

*23.(4).6* Draft Prgoramme kellu jerġa jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

## 23 (5) Xogħol fl-Uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru

Il-Kunsill qed iwettaq xogħol ta' kostruzzjoni nterna f'dan il-post biex jinbidel f'Librerija Pubblika u kif ukoll isir Public Internet Access Point.

*23.(5).1* Is-Sindku Joseph Casha ċempel lis-Sur Saviour Micallef tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex titħaffef id-devoluzzjoni ta' dan il-fond għax ix-xogħol qed joqrob biex jintemm. Il-Kunsill xi xahar ilu kien ġie mwiegħed din id-devoluzzjoni.

*23.(5).2* Sar kuntatt mas-Sur Philip Borg, Direttur tal-Libreriji Pubbliċi dwar xkaffar ta' din il-librerija fejn il-Kunsill qed jipproponi li joffri l-materjal u d-Dipartiment iwettaq ix-xogħol. Is-Sindku kellu jkellem lill-Ministru Louis Galea dwar dan fil-laqgħa li kien ser ikollu miegħu.

## 23 (6) Proposta mill-Bank HSBC plc (Bormla) - 3 ta' Lulju, 2003

Fuq talba tal-Kunsill is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Manager tal-Bank is-Sur M Montebello dwar is-servizzi li dan il-bank jista' joffri għal tisrif ta' ċekkijiet għall-anzjani fil-lokal.

*23.(6).1* Jekk il-Kunsill ikun lest li joffri dan is-servizz fil-premises tal-Kunsill, il-Bank ikun lest li :

i. Jħarreġ għas-spejjeż tal-Bank persuna biex tkun tista tagħti dan is-servizz.

ii. Jew li jindika persuni li kienu jaħdmu mal-Bank li jkunu jixtiequ jagħtu dan is-servizz fil-Kunsill.

iii. Il-ħlas għal dan is-servizz ikun fuq il-Kunsill

iv. Ir-responsabbilta' ta' ġarr lejn u millKunsill tkun ir-responsabbilta tal-Bank.

v. Dan is-servizz jingħata fi ġranet speċifiċi skond kif joħorġu ċ-ċekkijiet tal-penzjoni.

*23.(6).2* Il-Kunsill qabel li jistudja sewwa din il-proposta qabel jieħu xi forma ta' deċiżjoni minħabba mplikazzjonijiet serji ta' sigurta'.

*23.(6).3* Jekk il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju allura jkunu jistgħu jsiru laqgħat biex isir diskussjonijiet fid-dettal ta' loġistika u mplimentazzjoni.

## 23 (7) Kordinatur Anzjani u Persuni B'Diżabilita'

Saret laqgħa mas-Sinjorina Catherine Fleri Soler u Rachel Agius li ser ikunu kordinaturi fejn jidħlu persuni b'Diżabilita' u Anzjani.

*23.(7).1* Għandu jintalab tagħrif mill-Kummissjoni għall-Persuni b'Diżabilita' u jsiru kuntatti ma' l-Għaqdiet tal-lokal dwar din l-inizjattiva.

*23.(7).2* Is-Sotto Kumitat Anzjani ser jiġi nvolut f'dan il-proġett biex tingħata aktar għajnuna fejn hu meħtieġ.

## 23 (8) Xogħlijiet u Dawret Ix-Xatt

Minħabba li l-permess biex jibda x-xogħol fuq Dawret ix-Xatt kien miżmum mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, saru diversi kuntatti ma' l-Inġ. Stefan Galea St. John u Joe Poggi fil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fejn ġejna mgħarrfin li kien hemm bżonn pjanta dettaljata ta' fejn ser isir ix-xogħol.

*23.(8).1* Wara diversi kuntatti mal-Perit tal-Kunsill u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma din il-pjanta intbagħtet u bl-intervent tas-Sur Poggi li ħa ħsieb biex imexxi minnufih il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma approvaw il-permess.

*23.(8).2* Il-Kunsill ġie mgħarraf li x-xogħol setgħa jibda minnufih. Wara kuntatt mal-kuntrattur kien hemm qbil li x-xogħol kellu jibda minn nhar it-Tnejn 4 ta' Awissu, 2003.

## Sospensjoni tar-Regolamenti

Billi kien sar il-ħin is-Sindku ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex il-Kunsill japprova item (10) ta' l-Agenda u item (9) Euromed Projet u l-iffirmar tal-ftehim dwar l-irmiġġl bejn l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori u Grand Harbour Marina jiġu diskussi nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu fis-1.00pm fejn ikun hemm it-tkomplija ta' din il-laqgħa tal-Kunsill.

Din is-sospensjoni tar-regolamenti ġiet approvata.

## 23 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Ġew ippreżentati l-Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi tal-Kunsill li nżammet nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju, 2003 (Kopja tal-Minuti mehmuża).

*23.(10).1* Kif propost mill-Kumitat tal-Finanzi, l-Kunsill approva t-trasferiment tas-somma ta' Lm 700 mill-kont tal-Fondi kurrenti tal-Kunsill għall-kont ta' l-attivitajiet biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' l-attivitajiet ta' Jum l-Isla, ( Minuta 2 tal-Kumitat tal-Finanzi).

*23.(10).2* Kif propost mill-Kumitat tal-Finanzi, l-Kunsill approva unanimament it-trasferiment tas-somma ta' Lm 3,000 mill-kont tal-fondi kurrenti tal-Kunsill għall-kont ta' Fondi Speċjali biex jagħmel tajjeb għax-xogħol ta' resurfacing li l-Kunsill kien bi ħsiebu jwettaq f'diversi toroq fl-Isla. (Ref. Minuta 3 tal-Kumitat tal-Finanzi).

*23.(10).3* Il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jaqbel li l-ammont ta' Lm 11, 488.46 bħala ħlasijiet dovuti mill-Kunsill għall-perjodu bejn it-2 ta' April u l-21 ta' Lulju, 2003 għandhu jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament biex dan l-ammont kif propost mill-Viċi Sindku Walter Ahar u ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.00pm għal nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu, 2003 fis-1.00pm fejn ser titkompla l-Aġenda ppreżentata f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill kompla jiltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu, 2003 fis-1.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(9) Euromed Project.

(11) Approvazzjoni tal-Ftehim Grand Harbour Marina/Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori.

(12) Approvazzjoni tal-Programm għaż-Żjara tad-Delegazzjoni minn Cassino.

## 23 (9) Euromed Project

Is-Segretarju Eżekuttiv fisser il-proġetti li hemm bħal issa taħt dan il-programm u li l-Kunsill setgħa jieħu sehem fihom. Primarjament dawn kienu :

1) Exchange in Sicily - Parteċipanti Turkija/Greċja/Sqallija (24 ta' Awissu sat-2 ta' Settembru, 2003)
2) Incentive youth Dialogue - Nazareth 21 sal-25 ta' Settembru, 2003
3) Cultural Divide - Israel 17 sa l-24 ta' Awissu, 2003.
4) Seminar - Vjenna 21 sas-26 ta' Ottubru, 2003.

*23.(9).1* Fil-preżent il-Kunsill huwa nvolut fix-xogħol ta' toroq li diġa bdew jitwettqu u fil-preparamenti tal-wasla tad-delegazzjoni mill-Comune ta' Cassino biex jiġi finaliżżat il-patt ta' ġemellaġġ.

*23.(9).2* Billi l-Kunsill jemmen li l-programmi msemmija fil-Proġett Euromed jitlob impenn kbir ikun aħjar li programm bħal dan jitħalla għal aktar tard wara li l-Kunsill ikun ħeles mill-impenji tagħu tal-preżent.

## 23 (11) Approvazzjoni tal-Ftehim Grand Harbour Marina/Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori.

Is-Sindku ppreżenta dan il-ftehim lill-Kunsill li kien diġa tqassam lill-Kunsillieri minn qabel. Dan il-ftehim ser ikun jgħodd għal 99 sena.

Is-Sindku fisser lill-Kunsill l-problemi li qiegħed jiltaqa' magħhom minn dawk li mhux fl-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori u dawk ukoll li jidru li huma reġistrati biss mal-Malta Maritime Authority sabiex ikollom postijiet għall-irmiġġ.

Fil-fatt jidher li hemm mat-tletin ruħ jistennew jew jixtiequ li jkollom irmiġġ f'Dockyard Creek.

*23.(11).1* Ir-riżervi tal-Kunsill huwa dwar l-embellishment / upgrading tal-promenade u kontroll tat-traffiku fejn jidher li dan isir bejn il-Kunsill Lokali u l-Grand Harbour Marina. Mhux ċar kif dan għandhu jitwettaq.

*23.(11).2* Rigward in-numru ta' rmiġġl dan kien diġa ġie stabbilit skond il-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill il-Ministeru ul-Grand Harbour Marina.

Għaldaqstant irmiġġl ġodda aktar minn dak miftiehem għandhom jitressqu personalment mill-individwu jew lil Malta Maritime Authority jew lill-Grand Harnour Marina.

*23.(11).3* Il-Kunsill approva mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Viċl Sindku biex dan il-ftehim li ġie ffirmat mill-Grand Harbour Marina u mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori jiġl ffirmat mill-Kunsilli wara li tkun lċċarata l-klawsola li hemm fil-ftehim dwar embellishment / upgrading tal-promenade ta' l-Isla/ kontroll tat-traffiku.

## 23 (12) Approvazzjoni tal-Programm għaż-Żjara tad-Delegazzjoni minn Cassino.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jiġbor kwotazzjonijiet minn diversi lukandi fosthom l-aktar vantaġġjużi jidhru dawk tal-Jerma Palace Hotel u Forum Hotel.

*23.(12).1* Il-Kunsill approva biex issir showcase fis-sala tal-Kunsill biex fiha jinġabru d-diversi trophies u stemmi mportanti li hemm fil-Kunsill u li hemm bżonn li jinżammu aktar fiż-żgur filwaqt li jkunu esebiti għall-pubbliku.

*23.(12).2* Il-Kunsill qabel ukoll li l-wiċċ tal-mejda tal-Kunsill jiġl rranġat minħabba li għandu bżonn ta' manutenzjoni sewwa.

*23.(12).3* Il-Kunsill qabel ukoll li jiġl rranġat id-dawl quddiem il-Binja Dockyard Terrace.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-2.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha — Sindku

Alphonse Zammit — Segretarju Eżekuttiv